MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 401/2005/1

**Mariano sive Mario Borg k/a Borg D'Anastasi**

**v.**

**Carol Borg neé Thomas: allegatament mart l-attur**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:
"1. Premess illi l-attur u l-konvenuta nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju, tas-sena elfejn u erbgħa (31.07.2004) infirdu legalment permezz ta' separazzjoni bonarja a bażi ta' kuntratt fl-atti tad-Duttur tal-Liġi n-Nutar Pubbliku Malti Jeannette Laferla Saliba u fejn permezz ta' digriet

awtorizzat mill-Qorti Ċivili: Sezzjoni tal-Familja nhar l-erbatax ta' Lulju, tas-sena elfejn u erbgħa (14.07.2004) taħt il-firma ta' l-Onorevoli Imħallef Raymond C. Pace, il-kontendenti kienu nfirdu bonarjament.

"2. Premess illi kopja fotokopja ta' l-oriġinal tal-kuntratt ta' separazzjoni bonarja hija hawn mehmuża ma' l-elenku tad-dokumenti u ndikata bħala dokument MBA1 liema kuntratt huwa datat wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju, tas-sena 2004 in atti Nutar Pubbliku Malti Jeanette Laferla Saliba kif hawn mehmuż.

"3. Premess illi l-kontendenti kienu ngħaqdu fiż-żwieġ nhar it-tnejn (2) ta' Awissu, tas-sena 1980 fil-Knisja ta' San Ġakbu fi Triq il-Merkanti l-Belt Valletta, u mir-relazzjonijiet ta' bejniethom kellhom tlett itfal, li tnejn minnhom illum ġja` maġġorenni, u baqa' waħda minorenni li kienet twieldet nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Awissu, tas-sena 1991, u llum għandha effettivament ġja` erbatax (14) il-sena u jisimha Victoria, skond ir-reġistrazzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tagħha rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku tal-Belt Valletta u li jġib in-numru ta' l-iskrizzjoni 4414/91.

"4. Premess illi minkejja l-fatt illi fil-jum li qed tiġi preżentata din il-kawża odjerna formalment il-kontendenti ġja` ilhom ħamsa u għoxrin (25) sena u erba' (4) xhur miżżewġin, il-vero similjanza tal-fatti, kif sejjer jiġi pruvat fil-mori ta' din il-kawża, tindika li apparti l-fatt illi legalment mifrudin formalment ġja` ilhom sena u nofs, imma l-ingridjenti u l-elementi li jagħmlu żwieġ kienu nominati minn raġunijiet legali li jsibu l-konfort tagħhom f'Artikolu 19, sub-artikolu 1, tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, u għal dan il-motiv qed issir referenza għall-affidavit bl-ilsien Ingliż, dokument CB1 li hemm mehmuż mad-dikjarazzjoni ġuramentata bil-Malti ta' l-attur fil-kawża odjerna: ara Dokument CB1 dettat bl-ilsien Ingliż.

"5. Premess illi minħabba l-fatt li l-konvenuta ftit li xejn tifhem bil-Malti u ċertament la tista' tikteb u lanqas taqra bil-Malti għaliex hija ta' nazzjonalita` Ingliża għaliex hija ta' nisel Ingliż anke jekk jista' għandha n-nazzjonalita` doppja dik ta' Ingliża u dik ta' Maltija fl-istess ħin, a benefiċċju

tagħha u skond il-proċedura ta’ kif jiġu intavolati kawżi quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja Maltin, l-atti ta’ din il-kawża qegħdin isiru bil-Malti, pero` sejrin isiru traduzzjonijiet għal dawn l-atti għajr għad-dokumenti li diġa` huma miktubin jew għandhom ġja` fihom traduzzjoni bl-Ingliż, u kwindi l-affidavit sejjer isir mill-ewwel bl-ilsien Ingliż imma mehmuż bħala dokument għad-dikjarazzjoni ġuramentata ta’ l-istess attur odjern.

"6. Premess illi għalhekk għandha ssir referenza għall-affidavit ta’ l-attur mehmuż mad-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu u hawn indikat fl-atti ta’ din iċ-ċitazzjoni bħala dokument CB1.

"7. Premess illi ċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-kontendenti komparenti fil-kawża odjerna jġib in-numru ta’ l-iskrizzjoni 1396/1980 u dan jirreferi għal post u data taż-żwieġ li kien il-Belt Valletta nhar is-Sibt, tnejn (2) ta’ Awissu, 1980, meta l-kontendenti kienu għadhom rispettivament dsatax (19) il-sena kwantu għall-attuur u tmintax (18) il-sena kwantu għal konvenuta u għaldaqstant għandha ssir riferenza għad-dikjarazzjoni ġuramentata ta’ l-attur ma’ din iċ-ċitazzjoni odjerna u għal affidavit bl-Ingliż li sejjer jiġi mehmuż mad-dikjarazzjoni ġuramentata ta’ l-attur ukoll f’din iċ-ċitazzjoni odjerna.

"8. Premess illi għaldaqstant din il-kawża għal annullament ta’ żwieġ qed issir fil-parametri ta’ Kapitolu 255 ta’ l-Att dwar iż-Żwieġ u partikolarment Artikolu 19, subartikolu 1, paragrafi (b), (c), (d), (f) jew dawn ir-raġunijiet kollha globalment jew uħud minnhom jew xi waħda partikolari minnhom skond kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ġuramentata ta’ l-attur, l-istqarrija taħt ġrament bl-Ingliż li huwa għamel partikolarment a benefiċċju tal-konvenuta, u xhieda oħra li fi ħsiebu jtella’ partikolarment missieru, u ż-żewġ ħutu bniet.

"9. Premess illi għalhekk l-attur qiegħed jikkontendenti li l-allegat żwieġ tiegħu li fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta iġib in-numru ta’ l-iskrizzjoni 1396/1980, u li seħħ fil-Knisja ta’ San Ġakbu fil-Belt Valletta nhar is-Sibt, tnejn (2) ta’ Awwissu, tas-sena 1980, huwa null, invalidu u mhux

enforzabbli skond il-liġijiet ta’ Malta u għaldaqstant l-attur għandu jibbenefika għal dak li huwa reġistrazzjoni ta’ l-annullabilita` għar-reġistrazzjoni ta’ l-annullament taż-żwieġ skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 255 ta’ l-istess Att taż-Żwieġ partikolarment l-artikoli li jigvernaw ir-reġistrazzjoni ta’ tali deċiżjoni anke kif jemanixxu minn Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

"Premess dan kollu tgħid il-konvenuta Carol Anne Borg neé Thomas għala dina l-Onorabbli Qorti m’għandhiex tifli, tevalwa, taqta’, tiddeċiedi u tordna illi:

"(1) illi l-allegat żwieġ li seħħ fil-Knisja ta’ San Ġakbu nhar is-Sibt, tnejn ta’ Awissu, tas-sena elf, disa’ mija u tmenin (02.08.1980), huwa null, invalidu u mhux enforzabbli skond il-liġijiet ta’ Malta u dan a bażi ta’ l-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta;

"(2) illi dan iż-żwieġ għandu jiġi hekk dikjarat null fil-parametri ta’ l-artikolu 19, subartikolu 1, tal-Kapitoli 255 tal-Liġijiet ta’ Malta partikolarment sub-paragrafu 1, paragrafi (b), (c), (d) u (f), jew dawn ir-raġunijiet kollha flimkien jew għal xi waħda minnhom jew partikolarment xi waħda minnhom skond kif jirriżulta lil dina l-Onorabbli Qorti fil-mori ta’ din il-kawża u a bażi tal-provi li qegħdin u sejrin jiġu prodotti;

"(3) illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xieraq u ġust li tagħti u tordna a bażi tat-talbiet attriċi kif hawn suesposti, u partikolarment fl-eventwalita` tal-kontumaċja tal-konvenuta jekk ikun il-każ, u anke għal proċeduri konsegwenzjali u sussegwenzjali l-għoti tas-sentenza meta din issir *res judicata*.

"Bl-ispejjeż kollha, ġudizzjarji u *extra* ġudizzjarji kontra l-konvenuta Carol Anne Borg neé Thomas li minn issa tiġi nġunta in subizzjoni."

"B’riżerva ta’ kwalsiasi azzjoni ulterjuri għad-danni spettanti lill-attur għall-kwalsiasi forma ta’ danni li huwa seta’ sofra, qed isofri u/jew għad jista’ jsofri fid-dawl tad-

deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u a bażi tal-parametri tal-premessi u t-talbiet kif jemanixxu mill-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u partikolarment Artikolu 19, subartikolu 1."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuta ma kienet taħti għall-ebda nuqqas li kien jirrendi ż-żwieġ tal-kontendenti null u bla effett.

"2. Illi se ma, iż-żwieġ kien null ħtija ta' l-attur minħabba n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u tinabilta` li jerfa' l-obbligi tal-ħajja miżżewġa.

"3. Illi għalhekk hija m'għandhiex tbati spejjeż ġudizzjarji."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Ottubru 2007, li in forza taghha cahdet it-talba [recte: talbiet] attrici, bl-ispejjez kontra l-istess attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1980 a bażi tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha opponiet għat-talba attriċi kif dedotta.

"Għalhekk kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita` ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess*

*żwieġ għandu jiġi annullat pero` dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

"L-artikli ċitati mill-attur jirrigwardjaw;

"19 (1) (b) – żball dwar l-identita` tal-parti l-oħra;

"19 (1) (c) – żball dwar il-kwalita` tal-parti l-oħra;

"19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

"19 (1) (f) – il-kunsens inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew xi element essenzjali tiegħu.

"Mill-provi mressqa mill-attur il-Qorti assolutament ma jirriżultalha ebda kawżali minn dawk fuq ċitati. Meta wieħed jeżamina l-affidavits voluminużi ta' l-attur isib li l-unika lanjanza tiegħu tista' tgħid illi huwa jirrealizza llum li għamel żball meta żżewweġ lill-konvenuta, iżda l-Qrati tagħna kemm-il darba rritenew li din waħedha m'hijiex kawżali li tagħti lok għal annullament.

"Naturalment dwar x'ġara wara ż-żwieġ, dan hu immaterjali għall-kawża ħlief biex jitfa' dawl fuq l-istat ta' fatt ta' qabel iż-żwieġ, iżda anke hawn, fil-fehma tal-Qorti ma hemm xejn li jindika li ż-żwieġ kien vizzjat. Il-partijiet kellhom it-tfal miż-żwieġ tagħhom u sseparaw legalment fl-2004 u għalhekk wara erbgħa u għoxrin sena żwieġ. Naturalment kein hemm disgwid bejn il-partijiet (fis-sens li finalment isseparaw) u kulħadd beda jgħix ħajtu. Iżda li wieħed jieħu dan bħala indikazzjoni li kien hemm xi kawżali għall-annullament ikun qed iġebbed l-istess kawżali żżejjed. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża

<u>Joseph Zammit vs Bernardette Zammit</u> (27 ta' Jannar, 2006);

"*"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fondamentali fil-liġi ċivili u cioe` li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe` li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*"Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ. Ta' min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*

*"Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi provat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta` ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirraviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita` ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita` ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibilta` bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita` li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti fil-waqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita` intellewali, proprju l-att pożittiv tal-volonta` li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali. "*

"Minn eżami ta' l-affidavit ta' l-attur u l-provi l-oħra wieħed ma jsib imkien l-inkapaċita` imsemmija. Huwa minnu li l-

partijiet kienu pjuttost żgħar meta żżewġu (għoxrin sena l-attur u dsatax-il sena l-konvenuta) iżda dan żgur mhux biżżejjed biex jagħti lok għall-annullament. Kif qalet il-Qorti fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995); "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita`; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita` sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita` ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awwissu, 1995).

"Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita` psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomlaija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*" Kif ġia` ingħad mill-Qrati tagħna l-fatt li wieħed jinduna li ħa żball meta żżewweġ m'huwiex *per se* kawżali għall-annullament.

"Fir-rigward ta' l-ewwel żewġ kawżali mbagħad lanqas biss ma hemm ombra ta' prova. L-iktar raġuni ta' ċertu spessur li dwarha l-attur insista (fejn jidħol annullament) hija li l-konvenuta kienet tħobb tilgħab logħob ta' l-azzard. Madankollu anke dwar dan il-Qorti ma tħossx li hemm elementi biżżejjed li jagħtu lok għall-annullament. Il-konvenuta ammettiet li tħobb tilgħab il-Bingo, iżda ċertament mhux li kellha xi *addiction* għal-logħob ta' l-azzard li jagħmlu vizzju li jista' konċepibilment iwassal għal dikjarazzjoni ta' annullament. Fuq kollox il-Qorti semgħet il-partijiet *in extenso*, u hija konvinta li l-konvenuta qed tgħid il-verita`. Il-Qorti konvinta, bħal ma

hija konvinta l-konvenuta, illi kemm-il darba rrepetiet waqt il-kontro-eżami tagħha, li “*it was a good marriage*”. Anke rigward ir-relazzjoni tal-konvenuta ma’ terza persuna, jidher ċar li din bdiet meta ż-żwieġ tal-kontendenti tfarrak jew kien beda jitfarrak u ma hijiex risalenti għal qabel iż-żwieġ, għalkemm il-persuna ndikata kien ħabib ta’ l-attur dak iż-żmien."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab sabiex din il-Qorti:

"(a) Tiddikjara li sar apprezzament hazin b'mod li holoq ingustizzja ta' l-Atti Processwali ta' din il-kawza b'mod illi tordna li din is-sentenza tigi mibdula fis-sens illi dak li ma laqghetx l-ewwel Onorabbli Qorti issa tilqghu din il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

"(b) Tilqa' it-talbiet ta' l-attur appellanti fis-sens illi tiddikjara li z-zwieg li allegatament sehh fil-Knisja ta' San Gakbu nhar is-Sibt, 2 ta' Awissu, tas-sena 1980, huwa null, invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli skond il-Ligijiet ta' Malta u dan a bazi ta' l-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

"(c) Tiddikjara dan iz-zwieg null u invalidu a bazi tat-tieni talba ta' l-attur appellanti u cioe` a bazi ta' Artikolu 19, sub-artikolu (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u specifikatament fir-rigward tal-paragrafi (b), (c), (d), u (f) ta' l-istess Att dwar iz-Zwieg jew xi wahda mir-ragunijiet legalment indikati jew minn uhud mir-ragunijeit legalment indikati fit-tieni talba attrici tal-kawza intavolata mill-istess attur appellanti odjern u dan skond ma jirrizulta lil din il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell a bazi tal-provi kollha mressqa u sottomessi fl-Atti Processwali ta' din il-kawza odjerna.

"(d) Fid-decizjoni taghha tiehu wkoll in konsiderazzjoni t-tliet talbiet sottomessi mill-attur appellanti fil-kawza intavolata minnu nhar it-12 ta' Dicembru 2005, kif anke riprodotti mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha pagna 4, tad-19 ta' Ottubru, 2007.

"(e) Fic-cirkostanzi tbiddel is-sentenza citata ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Ottubru 2007, fl-ismijiet kif fuq premessi, u minflok tichad it-talbiet attrici, tilqaghhom bil-modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun anke partikolarment li tenforza t-terzi ta' l-attur appellanti li l-allegat zwieg tieghu ma kienx "a good marriage" biex b'hekk l-effetti tas-sentenza ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Ottubru 2007, jigu totalment mibdula u tali allegat zwieg jigi tabilhaqq dikjarat null u invalidu u mhux enforzabbli skond il-Ligijiet ta' Malta partikolarment a bazi ta' l-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta skond ir-ragunijiet kif determinati minn din il-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

"(f) Tordna l-komunikazzjoni ta' tali decizjoni taghha lill-awtortajiet kompetenti partikolarment lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotamenti mehtiega fic-certifikat ta' dan l-allegat zwieg illi sehh nhar it-2 ta' Awissu tas-sena 1980, fil-Knisja ta' San Gakbu fi Triq il-Merkanti gewwa l-Belt Valletta u a bazi tal-kopja tac-Certifikat taz-Zwieg kif mehmuz mill-Atti Processwali ta' din il-kawza odjerna.

"(g) Tiddikjara li l-ispejjez kollha konnessi direttament u/jew indirettament ma' din il-kawza jigu kollha sopportati mill-konvenuta appellata Carol Borg neé Thomas, cittadina Maltija, li tindika n-numru tal-karta ta' l-identita` 2123A."

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, esprimiet il-fehma li s-sentenza appellata timmerita konferma u t-talbiet ta' l-apellant fir-rikors tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dan hu kaz ta' annullament taz-zwieg, liema zwieg gie kkuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Awissu, 1980. L-attur ibbaza t-talba tieghu fuq erba' kawzali fit-termini ta' l-

Artikolu 19(1) ta' l-Att dwar iz-Zwieg. L-erba' kawzali huma zball dwar l-identita` tal-parti l-ohra, zball dwar il-kwalita` tal-parti l-ohra, difett ta' diskrezzjoni, u simulazzjoni. L-ewwel Qorti kienet cahdet it-talba ta' l-attur (proprjament "talbiet" minhabba l-mod kif it-talba hi formulata) wara li sabet li l-attur ma rnexxielux jipprova mqar bazi wahda li setghet twassal ghall-annullament taz-zwieg tieghu. L-attur ressaq dan l-appell u qed isostni li jezistu provi bizzejjed biex jiggustifikaw dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tieghu mal-konvenuta.

L-attur ressaq appell twil u dettaljat tal-fatti li skond hu, ghandhom jindikaw li s-suppost zwieg bejnu u martu fil-fatt qatt ma sehh. Fir-rikors tieghu intqalu hafna affarijiet, anke b'mod generali dwar il-kuncett taz-zwieg li tajjeb li din il-Qorti tikkummenta dwarhom f'dan l-istadju.

Fl-ewwel lok, kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza **Farrugia v. Farrugia**, deciza fit-28 ta' Lulju, 1987 (Vol. LXXI.II.205) iz-zwieg, ghall-pajjizna, huwa istitut ta' ordni pubbliku u bhala tali ghandu jigi trattat bis-serjeta` u m'ghandux jinhall b'leggerezza. Ir-ragunijiet ghall-annullament ghandhom jigu mistharrga bir-reqqa, u l-kawzali ghall-annullament ghanda tirrizulta cara u minghajr dubju.

Fil-kawza **Spiteri v. Spiteri**, deciza wkoll minn din l-istess Qorti fid-9 ta' Frar 2001, gie kkonfermat li l-kuntratt taz-zwieg hu wiehed ta' ordni pubbliku, u ghandu jkun hekk gialadarba
"hu rikonoxxut bhala l-fondament li jikkrea n-nukleju familjari li fuqu s-socjeta` hi komposta u organizzata."

Kwindi, din il-Qorti ma tistax tippermetti li l-kriterji li ghandhom iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg ma jigux trattati b'kawtela u rispett lejn l-istabbilita` tas-socjeta`.

Fit-tieni lok, il-Qrati mhumiex hemm biex jaghmlu tajjeb ghall-izbalji ta' haddiehor, diment li dak li jkun ikun dahal ghall-kuntratt bil-piena liberta` tieghu. Persuna ma tistax titlob li thassar zwieg semplicement ghax dan ma kellux l-effett u r-rizultat li xtaqet. Lanqas il-ligi civili tal-kuntratti

ma tipprovdi ghat-thassir ta' att minhabba lezjoni (hlief, f'certi cirkostanzi, f'kaz ta' persuna taht l-eta`), u kuntratt li mhux nieqes mill-elementi essenzjali tieghu, ma jistax jithassar semplicement ghax irrizulta li saret "*a bad deal*".

Fit-tielet lok, l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma ghamlitx referenza esplicita ghall-provi kollha li ngabru. Dan, pero`, ma jfissirx li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx dak kollu li ngieb quddiemha bhala prova. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Spiteri v. Cachia**, deciza fit-30 ta' Novembru 2007,
"il-gudikant meta jikkonfezzjona s-sentenza tieghu ma huwiex obbligat li jsemmi x-xiehda kollha li jkunu ddeponew fil-kawza. Lanqas ma huwa obbligat li jaghti d-dettalji kollha tax-xiehda kollha li tkun akkwizita fil-process. Li huwa assolutament mehtieg u li tirrikjedi l-ligi huwa li l-gudikant jimmotiva tajjeb is-sentenza tieghu, u cioe`, jaghti r-ragunijiet ghaliex huwa jkun wasal ghall-konkluzjoni jew konkluzjonijiet tieghu."

Din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Fogg Insurance Agencies Ltd v. Ballut Blocks Ltd**, deciza fil-21 ta' Frar 2007, kienet osservat ukoll:
"il-gudikant fil-meritu mhux tenut li joqghod japprezza r-rizultanzi processwali kollha jew li janalizza kull argument prospettat mill-partijiet imma jitqies sufficjenti li hu, wara li jkun evalwahom fil-kumpless shih, jindika dawk l-elementi li fuqhom kien iffonda l-konvinciment tieghu u l-*iter* segwit minnu fil-valutazzjoni biex jasal ghall-konkluzjoni proprja."

Skartati l-aggravji ta' indoli generali, din il-Qorti sejra issa tqis il-kawzali li fuqhom l-attur qed jibbaza t-talba tieghu, u tara li tista' tiskarta mill-ewwel l-argumenti bazati fuq l-Artikoli 19(1)(b) u (c) u, cioe`, zball dwar l-identita` jew il-kwalita` tal-parti l-ohra. Fuq dan l-allegat zball ma jirrizulta xejn. Hu veru li l-partijiet damu johorgu flimkien ftit xhur qabel ma zzewgu, pero`, ma hemm xejn x'jindika li l-konvenuta, intenzjonalment jew le, hbietlu xi aspetti importanti tal-karattru taghha, aspetti li kienu jimpeduha milli taqdi d-doveri taghha ta' mara mizzewga. L-attur jallega li l-konvenuta kellha "*addiction*" ghal-loghob tal-*bingo*, pero`, dan ma jirrizultax. Li jirrizulta b'mod cert hu

biss, li, qabel ma zzewget, l-attrici ghamlet zmien impjegata f'*bingo hall* l-Ingilterra, u li wara z-zwieg gieli kienet tmur tilghab il-bingo ma' membri tal-familja taghha u/jew ta' zewgha. Ma tirrizultax xi "*compulsive attitude towards gambling*", u bl-ebda mod ma jirrizulta li dan il-*hobby* ta' l-attrici affetwa l-andament taz-zwieg. L-attur jallega li l-flus li kien jghaddi lil martu ghall-hajja ma kenux iservuha u jiddeduci li, allura kienet tberbaq hafna flus fil-*bingo*. Dan, pero`, ma jirrizultax. Il-konvenuta kellha dar bi tlett itfal xi zzomm, u ragel b'diversi kapricci (fosthom li jonfoq flus fuq ziemel u karozzi), u ma giex muri li l-flus li kienu jinghataw lill-konvenuta kienu altru milli bizzejjed biex iservu ghall-htigijiet u l-kapricci tal-familja. Ma jirrizultax, kwindi, li l-konvenuta hbiet mill-attur xi kwalita` mill-karattru taghha li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Il-kawzali ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ma tfissirx semplicement injoranza dwar xi aspetti tal-hajja mizzewga, izda tfisser li l-parti tkun priva b'<u>mod sostanzjali</u>, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, cioe`, dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-hajja mizzewga. Fir-rigward ta' dan il-*caput nullitatis*, fis-sentenza fl-ismijiet **Agius v. Agius**, deciza fil-25 ta' Mejju 1995, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat spjegazzjoni ezawrjenti tal-kuncett ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, u din il-Qorti taghmel riferenza ghal dik is-sentenza ghal dan il-ghan. Bizzejjed li tigi riprodotta parti mis-sentenza, specifikatament fejn intqal,

"Pero`, kif gia` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio`, che puo comportare la vita conguigale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l'uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una*

*maturita` piena"* (Pompedda, M.F., Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski-Pompedda-Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova, 1984), p. 46). Proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun iwehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja."

F'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-attur jew il-konvenuta kienu jbatu minn immaturita` hekk kbira li kienet timpedihom milli jifhmu l-obbligu taghhom bhala koppja mizzewga. Hu veru li l-partijiet izzewgu ta' eta` zghira, izda dan ma jfissirx li huma kienu bilfors immaturi. Il-ligi tippermetti zwieg anke meta persuna jkollha biss 16-il sena, u zgur ma kenitx tippermetti tali zwieg kieku kull zwieg li jsir bejn persuni li jkunu ta' dik l-eta` hekk tenera jitqies null ghax ikun sehh bejn persuni mmaturi! L-immaturita` trid, allura, tirrizulta minn inidizji ohra, u mhux biss mill-eta` tal-koppja jew wiehed minnhom.

Issa, kif inghad, f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-partijiet kienu nieqsa minn dak il-livell ta' maturita` mehtiega biex jinvalida zwieg. L-attur kien inghata parir mill-familjari tieghu biex ma jidholx f'impenn mal-konvenuta f'eta` hekk zghira, pero`, ma saritlu ebda pressjoni biex ma jizzewwigx, u hu ghazel bil-volonta` libera tieghu li jidhol ghal dak l-impenn. Kif intqal mix-xiehda hu kien bniedem li "kien dejjem ifaddal, kellu karozza, u ha l-post tal-mama` u l-papa` ta' Bugibba", li jindika certa maturita` u hsieb dwar dak li ried mill-hajja.

L-attur jidher li kien ihobbha lill-konvenuta u ma riedx jitlifha. Peress li l-konvenuta kienet barranija, hi qaltlu li jekk ma jizzewgux, ma tkunx tista' tkompli r-relazzjoni mieghu. L-attur ma riedx jitlef lill-konvenuta u ghazel li jizzewwigha, ben konsapevoli ta' dak li kien diehel ghalih. Il-fatt li l-partijiet ghamlu aktar minn 20 sena jghixu flimkien u kellhom tlett itfal, juri wkoll li huma mhux biss kienu jafu x'kien mistenni minnhom, izda fil-fatt ghexu ghal zmien twil il-hajja mizzewga.

L-attur jallega li l-konvenuta ma kenitx taf li zwieg ifisser rabta mar-ragel taghha, ghax tul il-hajja konjugali zammet

kuntatt ma' *boyfriend* precedenti taghha, certu Ernest Vella, li lilu biss riedet. Dan , pero`, ma jirrizultax. Qabel ma ltaqghet ma' l-attur, il-konvenuta, veru, kienet tohrog ma' dan Ernest Vella, izda wara xi zmien spicca kollox, u l-konvenuta ltaqghet ma' u zzewget lill-attur. Ma jirrizultax li hi riedet tizzewweg lill-attur biex tkun tista' tibqa' Malta u zzomm kuntatt ma' dan Ernest Vella. Fil-fatt, wara li l-partijiet izzewgu, il-konvenuta ssuggeriet li jmorru jghixu l-Ingilterra (u kwindi l-boghod minn Ernest Vella) ghax hemmhekk jista' ikollhom futur ahjar. Kemm damu l-Ingilterra, ma jirrizultax li l-konvenuta, b'xi mod, zammet kuntatt ma' dan Ernest Vella. Eventwalment, wara li fuq suggeriment ta' l-attur, il-partijiet gew lura Malta, il-konvenuta regghet iltaqghet ma' dan Ernest Vella, pero`, ma jirrizultax li bejniethom zviluppat xi tip ta' relazzjoni, hlief wara li l-partijiet isseparaw *de facto*. Interessanti, li ghalkemm l-attur igerger dwar il-kondizzjonijiet iebsa fil-konfront tieghu li hu accetta fuq il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejnu u l-konvenuta, kien hu li accetta li jiffirma l-istess kuntratt; ma jidhirx li saritlu xi forma ta' pressjoni biex jiffirma u lanqas ma allega adulterju jew komportament hazin da parti ta' martu. Li kieku l-konvenuta kienet qed tagixxi hazin fiz-zwieg, zgur ma kienx jaccetta li din, fi kliemu, tithalla li "ghamlet negozju shih minn fuq dahar l-attur appellanti bil-manteniment li rnexxielha tislohlu". Jidher, ghalhekk, aktar verosimili dak li sostniet il-konvenuta li z-zwieg tfarrak ghax l-attur infatwa ruhu wara tfajla Russa u kien lest li jiffirma ghal kollox biex ikun jista' imur maghha.

Ma jirrizultax dak li jallega l-attur li l-konvenuta ma kenitx thobb lill-attur ghaliex diga` kienet tat lilha nfisha lil haddiehor. Jista' ikun li wara z-zmien, kif zviluppaw l-affarijiet, il-konvenuta ma baqghetx thobb lill-attur, izda ma jirrizultax li, ghal zmien twil, il-partijiet ma kellhomx, kif qalet l-ewwel Qorti, "*a good marriage*", b'impenn lejn xulxin u lejn it-tlett ulied li gabu fid-dinja.

Ma jirrizultax lanqas li l-konvenuta kienet tbati minn xi anomalija serja psikologika li taghmilha impossibbli li hi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. L-attur fl-ebda stadju ma talab il-hatra ta' espert biex dan jirrelata

fuq l-istat psikologiku tal-konvenuta, u kwindi ma jistax jinghad li saret il-prova ta' l-allegata anomalija psikologika. Lanqas mill-provi prodotti, ma din il-Qorti tista' tasal li l-konvenuta kienet affetta minn tali anomalija, u anzi jidher li hi kienet mhux biss konxja minn, izda kapaci li twettaq, l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Dwar il-*caput nullitatis* ta' simulazzjoni, apparti l-fatt li dan l-aggravju ma jistax jikkoezisti ma' l-aggravju li l-istess persuna kienet tbati minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (ghax ta' l-ewwel jirrekjedi att pozittiv tal-volonta` lejn iz-zwieg innifsu, u ta' l-ahhar jimplika proprju l-inkapacita` li wiehed jirrifletti u jaghraf dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali), kif spjegat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Galea v. Walsh**, deciza fit-30 ta' Marzu 1995,
"L-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' volonta` jew in-nuqqas ta' kunsens dwar xi element essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta` pozittiva li teskludi tali element essenzjali: *"Noi crediamo che l'espressione in questione voglia dire che non e` sufficiente la mancanza (assenza) dell'intenzione di escludere, ma e` necessaria la presenza (esistenza) di detta intenzione....Quindi non basta che esista il nolle, ma si richiede il velle non. Solo cosi` siamo davanti ad un atto posittivo di volonta`. (Castano, op. cit. p. 384)."*

Issa, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li xi wahda mill-partijiet, eskludiet b'mod pozittivament xi element essenzjali taz-zwieg. L-attur jghid li l-konvenuta riedet, sa mill-bidunett, tistabbilixxi relazzjoni ma' Ernest Vella, izda, bhala fatt, dan ma jirrizultax. Hu michud mill-istess konvenuta u hu kontradett mill-istess provi li juru li kienet il-konvenuta li riedet li huma jistabbilixxu ruhhom l-Ingilterra (biex suppost ikollhom hajja ahjar), u li ghal zmien twil ma kellha ebda kuntatt ma' dan Ernest Vella.

Ghall-bqija, din il-Qorti taqbel ma' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, u dana wara li kienet hi stess li semghet *viva voce* l-gran parti tax-xiehda mressqa, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, ma tarax li

ghandha tiddisturba l-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti meta cahdet it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------